V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11094 – CD&R / STONE POINT / FOCUS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 187/07)

1. Fit-22 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Clayton, Dubilier & Rice Fund XII, L.P., immexxija minn Clayton, Dubilier & Rice, LLC ("CD&R", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Trident IX, L.P., ġestita minn Stone Point Capital LLC ("Stone Point", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Focus Financial Partners Inc. ("Focus", l-Istati Uniti tal-Amerka).

CD&R u Stone Point jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Focus kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— CD&R hija ditta ta' investiment ta' ekwità privata li toriġina, tistruttura u taġixxi bħala investitur ewlieni ta' ekwità f'akkwiżizzjonijiet mill-maniġment, investimenti strateġiċi ta' ekwità minoritarji u investimenti strateġiċi oħra,

— Stone Point hija ditta ta' investiment li timmira investimenti f'kumpaniji fl-industrija globali tas-servizzi finanzjarji u setturi relatati,

— Focus hija sħubija ta' ditti indipendenti u fiduċjarji tal-ġestjoni tal-ġid. Focus jipprovdi aċċess għall-aħjar prattiki, riżorsi u ppjanar tal-kontinwità għad-ditti sħab tiegħu li jservu individwi, familji, min iħaddem u istituzzjonijiet b'servizzi komprensivi ta' ġestjoni tal-ġid.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠUC 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11094 – CD&R / STONE POINT / FOCUS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË